MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2014

Numru. 892/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR JASON FRANCIS SULTANA**

**VS**

**MOHAMMAD AISHA SOULEIMAN**

## Il-Qorti:

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mohammad Aisha Souleiman, detentur tan-numru tal-Pulizija 12W-56.

## Akkuzat talli:

Nhar il-hdax (11) ta` Settembru 2014 ghal habta tal-hamsa u kwart ta` filghaxija (17:15hrs) u fis-sieghat ta` wara, gewwa Tas-Sliema:

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta` persuna inkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cikostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;
4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista` jiehu hsieb tieghu innifsu.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 95, 338 (dd), 338 (ee), 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li rat il-Fedina Penali netta tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati fuq l-akkuzi li lilu gew addebitati.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tikkundanna lill-imputat sena (1) prigunerija sospizi ghal-sena (1) taht l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll timmulta lill-istess imputat l-ammont ta` hames mitt ewro (€500) b'sentejn (2) zmien ghal hlas.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------